

Brussell, 17 ta' Marzu 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0227(COD)

6789/1/20
REV 1 ADD 1

TELECOM 35	JAI 236
AUDIO 13	DIGIT 19
CULT 19	DATAPROTECT 31
EDUC 100	DAPIX 1
COMPET 121	FREMP 22
RECH 103	RELEX 212
IND 38	CADREFIN 32
MI 79	CODEC 179
ESPACE 12	PARLNAT 146
CYBER 38	

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2015/2240

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Marzu 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-6 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027¹ bħala waħda mill-proposti relatati mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (minn hawn 'il quddiem: QFP), parti mill-kapitolu "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali".
2. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) intgħażel bħala l-kumitat ewlieni. Il-kumitat ivvota dwar l-abbozz ta' rapport tiegħu fil-21 ta' Novembru 2018. Ir-rapport imbagħad ġie kkonfermat fil-plenarja fit-12 ta' Diċembru 2018².
3. Fl-4 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill TTE adotta approċċ ġenerali parzjali³. L-approċċ ġenerali parzjali ma inkludix għadd ta' elementi, b'mod partikolari dispożizzjonijiet b'implikazzjonijiet baġitarji jew ta' natura orizzontali, jew dispożizzjonijiet relatati ma' diskussjonijiet pendenti f'korpi preparatorji oħra tal-Kunsill dwar proposti leġiżlattivi oħra. Dawn l-elementi ġew immarkati fit-test b'parentesi kwadri.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018⁴.
5. Il-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Diċembru 2018⁵.
6. Fit-8 ta' Frar 2019, il-Presidenza talbet lill-Coreper għal mandat⁶ biex tibda n-negozjati mal-Parlament Ewropew. It-trilogu sar fit-13 ta' Frar 2019 fi Strasburgu u l-koleġiżlaturi laħqu fehim komuni dwar ir-Regolament li jstabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027. Il-fehim komuni ma inkludix l-elementi fil-parentesi tat-test.

¹ Dok. 10167/18 + ADD 1

² P8_TA(2018)0521

³ Dok. 14488/18 REV 1

⁴ EESC 2018/03902

⁵ COR 2018/03951

⁶ Dok. 5989/19 COR 1

7. Fit-13 ta' Marzu 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-fehim komuni li ntlaħaq fit-trilogu, filwaqt li rrikonoxxa li l-ħidma ser tissokta mal-Parlament Ewropew ladarba l-Kunsill ikollu mandat dwar l-elementi kollha tal-proposta.
8. Abbażi tal-fehim komuni, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fis-17 ta' April 2019⁷.
9. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 ta' Lulju 2020⁸, il-Kunsill Ewropew ħareġ il-gwida politika għall-fajls kollha relatati mal-QFP. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta mandat⁹ lill-Presidenza fis-7 ta' Ottubru 2020 biex tissokta n-negozjati mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar it-test kollu.
10. It-tieni trilogu sar fl-14 ta' Diċembru 2020 f'format virtwali. Matul dan it-trilogu l-Kunsill u l-Parlament Ewropew laħqu qbil proviżorju dwar il-kwistjonijiet pendenti kollha.
11. Fit-18 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma dan it-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil¹⁰.
12. Fl-14 ta' Jannar 2021, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) tal-Parlament Ewropew approva t-test ta' kompromess finali. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat ITRE bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula matul it-trilogi lill-Parlament Ewropew, soġġetta għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huwa jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

⁷ P8_TA-PROV(2019)0403

⁸ Dok. 00010/20

⁹ Dok. 11293/20

¹⁰ Dok. 13835/20.

II. OBJETTIV

13. L-objettiv ġenerali tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027 huwa li jiġi stabbilit strument ta' nfiq biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tat-trasformazzjoni diġitali għaċ-ċittadini, in-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE, jiġifieri billi jissaħħu l-kapaċitajiet diġitali tal-UE f'ħames oqsma ewlenin (l-hekk imsejħa "objettivi speċifiċi"): il-Computing ta' Prestazzjoni Għolja, l-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċibersigurtà u l-Fiduċja, il-Ħiliet Diġitali Avanzati u l-Varar, l-aħjar użu tal-kapaċità diġitali u l-interoperabbiltà.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Osservazzjonijiet ġenerali

14. Dil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar ir-Regolament, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu qbil fit-tieni qari abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament seta' japprovaha kif kienet. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess mil-ħuq bejn il-koleġiżlaturi.
15. Il-Kunsill jikkondividi l-objettivi u l-prinċipji deskritti fil-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew u jappoġġa l-istruttura tal-Programm li ser tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tiegħu.
16. *Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali*: Il-Kunsill jaqbel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari li d-deżinjazzjoni ta' Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali għandha ssir permezz ta' proċess miftuħ u kompetittiv.

17. *Restrizzjonijiet ta' sigurtà:* Il-Kunsill jappoġġa l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari dwar ir-restrizzjonijiet tas-sigurtà fir-rigward tal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet taħt l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Computing ta' Prestazzjoni Għolja. Il-Kunsill jaqbel li l-programmi ta' ħidma jistgħu jipprevedu li entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi jistgħu jkunu eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjonijiet taħt dawk iż-żewġ objettivi speċifiċi biss jekk jikkonformaw mal-kondizzjonijiet relatati mas-sigurtà mniżżlin fil-programm ta' ħidma.
18. *Etika:* Il-Kunsill jallinja mal-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-kondizzjonijiet relatati ma' kwistjonijiet etiċi għall-objettiv speċifiku "Intelliġenza Artifiċjali". Għall-Kunsill huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li diversi azzjonijiet taħt dan l-objettiv jieħdu kont tal-prinċipji etiċi u għalhekk il-Kunsill jaqbel maż-żieda ta' dispożizzjonijiet aktar dettaljati dwar l-etika inkluż, b'mod partikolari, il-possibbiltà ta' kontrolli tal-etika mill-Kummissjoni u l-possibbiltà li l-finanzjament jiġi sospiż, imnaqqas jew itterminat.
19. *Għotjiet kumplimentari:* Il-Kunsill jaqbel mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari fis-sens li l-għotjiet taħt il-Programm Ewropa Diġitali jistgħu jkopru sa 100 % tal-kostijiet eliġibbli, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' kofinanzjament.

Osservazzjonijiet speċifiċi

20. Waqt l-aħħar trilogu tal-14 ta' Diċembru 2020, il-koleġiżlaturi rnexxielhom jilhqqu kompromess dwar il-kwistjonijiet pendenti li ġejjin.
21. *Allokazzjoni tal-baġit għal objettivi speċifiċi:* Il-koleġiżlaturi qablu li jadattaw l-allokazzjoni tal-baġit tal-programm għall-ħames objettivi speċifiċi billi jnaqqsu l-ammont għal kull objettiv bl-istess perċentwal (17,47 %) bħal għall-baġit totali tal-programm. Dan jagħmilha possibbli li jinżamm il-piż u l-bilanċ tal-proposta oriġinali.

22. *Tul ta' żmien tal-programm*: Il-koleġiżlaturi qablu dwar it-tul ta' żmien tal-Programm Ewropa Diġitali. L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-programm għall-perijodu li huwa allinjat mat-tul ta' żmien tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.
23. *Programmi ta' ħidma*: Il-koleġiżlaturi qablu li jżommu fit-test id-dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' atti ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma għal azzjonijiet taħt ġestjoni diretta. Ġie maqbul ukoll li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu kkombinati ma' modifiki li jipprovdu assigurazzjonijiet addizzjonali li l-kontenut tal-programmi ta' ħidma futuri ser ikunu ankrati sew fl-Artikoli 4-8 tar-Regolament, b'linji gwida ġenerali mill-Anness I applikabbli kemm idum il-programm. Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi qablu li jinkludu l-possibbiltà li jintużaw atti delegati għall-aġġornament tal-Anness I.
24. *Parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi*: Il-koleġiżlaturi qablu li jintroduċu l-kunċett ta' "assoċjazzjoni parzjali" fir-Regolament, jiġifieri l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi ma' għadd limitat ta' objettivi speċifiċi segwiti taħt il-Programm Ewropa Diġitali.

IV. KONKLUŻJONI

25. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027 tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess mil-huq fin-negozjati bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew, iffaċilitati mill-Kummissjoni.
26. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova din id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, u
 - jibgħat din id-dikjarazzjoni lill-Parlament Ewropew.

27. Wara l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew tal-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari, li tapprova l-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Diġitali għall-perijodu 2021-2027 ser jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.
-